Ir-Rewwixta tal-Qassisin reġgħet kienet biċċa xogħol teatrali li għamlet marka fuqi. Kitba eċċellenti ta' Alfred Buttigieg. Jidderieħi Michael Fenech li wara snin qed jerġa' jidderieġi t-teatru. Manwel Pirotta kiteb il-mużika u dderieġa l-Orkestra. Kull meta mmur it-Teatru dejjem nispiċċa niltaqa' ma' l-istess nies. Mhux hekk f'dan ix-xogħol. Il-Ħadd it-Teatru Manoel kien ippakkjat b'żgħażagħ u persuni oħra li qatt ma kont rajthom it-teatru qabel. Il-kampanja pubbliċitarja għal dan ix-xogħol kienet tistieden lin-nies, u mhux lin-nies tat-teatru, biex imorru jaraw dan ix-xogħol. Ir-Rewwixta kellha taħlita ta' atturi stabbiliti bħal Manwel Cauchi ma' atturi li qatt ma kienu ħadu sehem fuq il-palk tat-Teatru Manoel. Il-proċess li bih isir ix-xogħol teatrali hu importanti daqs ix-xogħol innifsu. Żgur li r-Rewwixta ħalliet il-marka fuq l-atturi daqs kemm ħalliet fuq l-udjenza li għexet din l-esperjenza.

## *Meta mort ir-Rewwixta* ta' Peppi Azzopardi, 6-3-2005